MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1103/2003

**Jennifer Jean Williams**

**vs**
**Ana Maria Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Mejju, 2001 fejn intqal illi l-ammont  mitlub ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm227.94) jirrapprezenta d-danni sofferti mill-attrici bhala rizultat ta' l-incident awtomibilistiku illi sehh fit-12 ta' Dicembru 2001 ghall-habta ta' 12.40p.m. gewwa Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attrici bin-numru tar-registrazzjoni PET 200 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru tar-registrazzjoni ANA 264, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenuta.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Marzu, 2003 u ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz tat-talba lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Ltd bhala agent tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Ana Maria Attard ipprezentata fit-23 ta' Gunju, 2003 fejn intqal illi:**
**It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' Clifford John Williams, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda ta' Jennifer Jean Williams, Clifford John Williams, Maria Williams. PC 447 Kevin Camilleri, Ana Maria Attard. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**
**Ikkunsidra :**
**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-12 ta' Dicembru, 2001 ghall-habta ta' 12.40pm, fi Triq il-Kunsill Ta' l-Ewropa, Luqa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PET-200 misjuqa minn Clifford John Williams u l-vettura ANA-264 misjuqa mill-konvenuta.**
**2. Jirrizulta li qabel ma ghaddew l-« give way signs » f'dik it-triq, iz-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni, u l-attur kien miexi fil-karregjata ta' gewwa, filwaqt li l-konvenuta kienet miexja fil-karreggjata ta' barra.**
**3. Clifford John Williams kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa sejjer fid-direzzjoni ta' Paola. Hu ra lill-konvenuta gejja fir-« rear view mirror » u skond ma xehed din kienet gejja b'aktar velocita` minnu. Skond l-Williams, il-konvenuta immanuvrat biex tikser ghal go Garibaldi Street, cioe` fuq ix-xellug taghha, u sehhet il-kollizzjoni. Kif xehed l-attur : « Just as I**

**crossed the roundabout, we heard a screech of brakes and my wife told me that a car was coming into us. » Ghalhekk l-attur jghid li sswervja lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-kollizzjoni.**

**4. Mart l-attur, Maria Williams, tikkonferma li kienu gja qabzu l-« give way sign » meta semghu l-« brakes », u li hi daret u rat lill-konvenuta fuq il-karreggjata tal-lemin direzzjonata ghall-bieba taghhom. Fil-fatt l-attur intlaqat fuq il-bieba ta' wara bi tkaxkira ghal fuq il-bieba ta' quddiem.**

**5. Il-konvenuta tghid li hi kellha l-intenzjoni li tmur fid-direzzjoni tar-roundabout sabiex iddur maghha u terga' lura fid-direzzjoni ta' Hal Luqa, fatt konfermat mill-pulizija li nvestiga l-kaz. Il-konvenuta ma ftakritx jekk fil-fatt kienetx waqfet fuq il-« give way sign », ghalkemm lill-assikurazzjoni rrilaxxatilhom dikjarazzjoni f'dak is-sens. Lanqas ma ftakret jekk kelliex brake marks. Il-konvenuta lanqas ma ftakret il-velocita` b'liema kienet ghaddejja.**

**6. Dwar il-brake marks dawna jirrizultaw kemm mill-isketch, mir-ritratti Dok.CJW7 sa CJW9 u mix-xhieda ta' PC 447 Kevin Camilleri. Dwar id-direzzjoni ta' dawn il-brake marks kien hemm kontestazzjoni da parti tal-attur. Jekk wiehed jezamina sew ir-ritratti Dok.CJW7 sa CJW9 jinnota li fil-fatt l-brake marks huma direzzjonati lejn il-ponta tas-centre strip li maghha spicca s-sewwieq Williams, u ma humiex kif indikati fl-isketch tal-pulizija. Huma aktar kompatibbli ma kif immarkahom l-attur fl-isketch minnu esebit Dok.CJW2. Anke l-ispot of impact huwa wisq probabbli dak immarkat bil-marka X fl-istess dokument.**

**7. Dwar li l-konvenuta riedet taqbad it-triq fid-direzzjoni tax-xellug, dana ma jirrizultax pruvat, anke peress li a tempo vergine hi stqarret li riedet taqbad ir-roundabout.**

**8. Ma hemmx dubbju li kien hemm kontradizzjoni f'dak li xehdet il-konvenuta dwar li wasslet lill-genituri taghha l-ajruport, u fl-istess hin kienet sejra lura l-ajruport. Il-konvenuta wkoll tikkontradixxi lilha nnfisha dwar jekk waqfitx qabel il-« give way sign ». Lanqas ma kienet tiftakar il-velocita` li biha kienet**

**ghaddejja. Dawn id-diversi fatturi jixhtu dubbji fuq id-deposizzjoni tal-konvenuta.**

**9. Ghalhekk it-Tribunal, wara li qies il-kumpless tal-provi, qed jikkonkludi li wara li l-attur hareg minn fuq il-« give way sign » biex jibqa' miexi fid-dritt, giet il-konvenuta fuq il-karregjata ta' barra li ma waqfitx, anzi piuttost mghaggla, u meta rat li kien ser jonqsilha l-ispazju biex tmur mar-roundabout u ddur maghha, zammet brake, ezatt malli telqet minn fuq il-« give way sign » pero` ma waqfitx fil-hin u sehhet il-kollizzjoni billi bil-ponta ta' quddiem tax-xellug taghha hadet lill-konvenut fuq il-bieba ta' wara u anke in parte ta' quddiem. Ghalhekk, il-konvenuta ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**

**10. Id-danni huma dawk indikati fis-survey esebit Dok.CJW1 u CJW2, u fi kwalunkwe kaz ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni u dana kif verbalizzat fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2003.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentement jikkundanna thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm227.94) bl-imghax legali mil-25 ta' Settembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Marzu, 2003 u ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz tat-talba lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Ltd bhala agent tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------